MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43

Il-Gimgha 15 ta' Marzu 2019

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fil-5:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 43.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

43.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologiji.

## 43.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

43.2.1 Peress li l-minuti tal-erbghin, il-wiehed u erbghin u t-tnejn u erbghin laqghat tqassmu qabel dawn gie kkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 43.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.

43.3.1 Is-Sindku semma li Paul Michael Debattista li ghandu b'kera il-*clubhouse* ta' 'Gnien il-Familja' mill-*Qala Saints Football Club* ser jibda jhallas *by installments* ghas-servizzi tad-dawl u l-ilma dovuti minnu. Is-Sindku semma li sar ftehim mal-ARMS dwar dan.

43.3.2 Is-Sindku semma li saru kopji tal-*feature* li kien sar fuq Corey u Frankie Said ghas-serata Premju Unur Gieh l-Qala u li l-Kunsillieri ser jinghataw kopja.

43.3.3 Gie trattat ir-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet 31 ta' Dicembru 2018. Il-Kunsill unanimanment approva dan ir-rapport u l-*financial statements*.

43.3.4 Is-Sindku semma li l-*projector* tas-sala tal-kommunita` ghandha hafna hsara u li ma jaqbilx li tissewwa. Ghalhekk ntalbet stima minghand John Paul Cefai. Dan ikkwota zewg tipi differenti ta' *projectors*. Wahda li tiswa €490 u l-ohra €655 (li hija aktar moderna). Il-Kunsill qabel li ghandha tinxtara l-*projector* tal-€655.

43.3.5 Is-Sindku semma li ghandhom jigu ordnati zewg bankijiet ohra ghal gnien tal-Belvedere. Il-Kunsill qabel ma dan.

43.3.6 Is-Sindku semma li ghandhom jinbidlu l-bozoz tal-globi li hemm fi gnien il-familja u jsiru kollha LED's. Huwa semma li gab zewg stimi. Il-Kunsill qabel mal-istima ta' *Silhouette*.

43.3.7 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Kenneth Cutajar *Chief Executive Officer* tal-*Community Worker Scheme Enterprise Foundation* fejn il-Kunsill bghat il-mandat fuq il-ftehim tal-Haddiema fuq Skemi, kif ukoll il-Kunsill semma li s-*supervision* u l-ispezzjonijiet fuq il-haddiema assenjati mal-Kunsill Lokali Qala ghandha tibqgha r-responsabbilta tal-*supervisors* tal-CWSEF.

43.3.8 Gie trattat kont ta' Gatt Tarmac Ltd., dwar xogholijiet *extra* li saru meta sar ix-xoghol ta' *resurfacing* ta' parti minn Pjazza San Guzepp. Il-Kunsill iddecida li dan ghandu jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

43.3.9 Ittra mibghuta minn Yana Spiteri mill-LESA dwar *speed cameras*. Il-Kunsill iddecida li ghandu japplika sabiex isir *speed camera* fi Triq l-Imgarr peress li sikwit inkun hemm l-incidenti u jkun hemm sewqan eccessiv.

43.3.10 Cirkulari Cir AKL 2019/009 mibghuta minn Mario Fava President tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar *proposed charging pillar locations*. Gie ssuggerit li fil-lokalita` tal-Qala ghandha jsir fi Pjazza San Guzepp fejn l-istatwa tal-Madonna. Il-Kunsill ma qabilx ma dan kif ukoll iddiskuta li l-Pjazza m'hiex tal-pubbliku izda tal-Knisja. Ghalhekk gie deciz li jigu nformati b'dan.

43.3.11 Is-Sindku ressaq talba sabiex bozza 231 li tinsab fi Triq l-Indipendenza titressaq ma arblu faccata. Il-Kunsill qabel ma dan.

43.3.12 Ittra mibghuta minn *Education, Audiovisual and Culture Executive Agency* dwar il-*Europe for Citizens Programme Decision No 2018 – 3302/010-001 – EUrope is a State of Mind*. Gie diskuss li il-*budget* ta' kif gew mqassma l-fondi fil-*grant agreement* hu differenti mill-*budget plan* li gie ppreparat mill-Agenzija Taljana li ppreparat l-applikazzjoni. Il-Kunsill iddecida li ghandu jiccekkja mal-*Education, Audiovisual and Culture Executive Agency* dwar dan.

43.3.13 Is-Sindku ressaq talba sabiex isir *unloading bay* faccata ta' Paul Michael Mini Market. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

43.3.14 Is-Sindku ssuggerixxa li ghandha jsir passju mal-art fi Gnien il-Familja. Il-Kunsill qabel ma dan.

43.3.15 Ittra mibghuta minn Yvonne Attard mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-appell 00222/16 fejn anness bghatu kopja ta' rapport li gie ppreparat mill-Awtorita` datat 11 ta' Marzu 2019.

43.3.16 Ittra mibghuta minn David Cassar ghal *Executive Chairperson* fl-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/03877/18 fejn il-Kunsill gie mistieden jaghti l-kummenti tieghu.

43.3.17 Ittra mibghuta minn Maria Schembri ghal *Executive Chairperson* mill-Awtorita` tal-Ippjanar, bhala *acknowledgement* ghall-ittra li bghat il-Kunsill datata 7 ta' Jannar 2019.

43.3.18 Ittra mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv George Refalo mir-Regjun Ghawdex dwar *ECAD Membership.*

43.3.19 Ittra mibghuta minn Maryanne Vella *Senior Principal* mis-*Social Security* fejn informat lill-Kunsilli li mill-1 ta' Frar 2019 il-hin tas-servizzi tas-sigurita socjali li qed jinghata fil-lokalita tal-Qala ser jinbidel u ser ikun mill-10:15am sa 12:15pm.

43.3.20 Ittra mibghuta minn Charles Micallef dwar *scrabble activity* fil-Qala. Is-Sindku ssuggerixxa li din l-attivita` ghandha jsir gos-sala tal-komunita`. Il-Kunsill qabel ma dan.

43.3.21 Ittra mibghuta minn Ruben Said *Head* mit-*Transport Malta*, fejn ma sabux oggezzjoni ghat-talba ghal *double yellow lines* fi Triq ta' Cini.

43.3.22 Ittra mibghuta minn Carmelo Axiaq mill-Korporazzjoni Enemalta dwar *reinstatement* fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien kif ukoll ir-risposta tal-Kunsill.

43.3.23 Ittra mibghuta minn Joe Grima mill-FMVA dwar *Vintage Motors Festival* fejn parti minn ser isir il-Qala.

43.3.24 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar ghajdut li l-ODZ fl-*area* tal-Kuncizzjoni limiti l-Qala, tiddahhal fiz-zona tal-izvilupp.

43.3.25 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Henriette Putzulu Caruana fl-ARPA dwar xiri ta' bins godda ghal gnien tal-Belvedere kif ukoll ir-risposta ghall-ittra tal-Kunsill.

43.3.26 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill Mark Mizzi fil-Ministeru tal-Finanzi dwar l-evalwazzjoni tal-*tenders* tal-*playground equipment*. Giet trattata r-risposta ghall-ittra tal-Kunsill.

43.3.27 Ittra mibghuta minn Robert Tabone dwar *issues* tal-evalwazzjoni tal-*tenders* tal-*playground equipment* kif ukoll dwar il-progett *EUrope is a State of Mind – Europe for Citizens Programme.*

43.3.28 Gew trattati il-*Quarterly Financial Reports* mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Settembru 2018. Il-Kunsill qabel ma dawn ir-rapporti.

43.3.29 Is-Sindku semma li huwa kellu laqgha ma' *Faces* dwar l-installazzjoni ta' *bus shelters*. Gew trattati xi *guildlines* li nghata lilu.

43.3.30 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mil-11 ta' Jannar 2019 sal-15 ta' Marzu 2019 minn referenza numru 3/19 sa referenza numru 56/19 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 5/19 sa referenza numru 21/19 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

## 43.4 Twegibijiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

43.4.1 Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa dwar jekk il-*management board* tal-progett f'Hondoq ir-Rummien bl-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA/00937/17 u PA/05592/17 iltaqghax. Dan peress li huwa flimkien mas-Sindku huma membri f'dan il-bord kif ukoll x-xoghol fuq dan il-progett nbeda fejn sahansitra gara dak l-incident fil-ilma bahar fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Gie deciz li ghandha tintbghat ittra fejn il-Kunsill jistaqsi dwar iltaqghax dan il-bord jew le. Is-Sindku ta spejgazzjoni li dan kien incident ta' darba u qal li kien zbal taghhom. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li dan l-incident ma kienx zbal peress li gara darbtejn. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li qed naghtulhom u nzommu maghhom lanqas biss informaw lill-Kunsill ghal laqgha tal-bord. Is-Sindku semma li huwa ta spejgazzjoni ta' x'gara. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li spejgazzjoni riedu jaghtuha l-Korporazzjoni u li ma harget ebda stqarrija minghandhom.

43.4.2 Saret referenza ghall-laqgha li saret mal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/02680/08 f'barriera tal-blat tal-qawwi numru 10 f'Ghar id-Dar limiti l-Qala. Is-Sindku semma li huwa attenda ghall-laqgha u gie nformat li fejn hu mmarkat diga` ser jinghata l-permess izda hemm bicca ma gietx maqtuha peress li hemm problema ta' *ownership*. Il-Kunsillieri Paul u Karl Buttigieg semmew li din il-barriera resqa lejn il-Fortizza ta' Sant Antnin li hija xi 300 metri biss l-boghod u ghalhekk kull estenzjoni huwa hazin. Gie diskuss li l-Kunsill dejjem tkellem dwar il-barriera l-ohra u ghalhekk ghandu jitkellem ghal din il-barriera wkoll. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra lill-Awtorita`

fejn il-Kunsill jerga` jinformahom li joggezzjoni minhabba r-raguni tal-Fortizza ta' Sant Antnin u l-*area* ta' madwar li hija *pristine area*.

**43.5 Fondi moghtija lill-Kunsill mill-Ministeru ghal Ghawdex ghal *water culvert* u *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq il-Kuncizzjoni.**

43.5.1 Is-Sindku semma li cemplulu mill-Ministeru ghal Ghawdex li l-Kunsill ser jinghata €100,000 sabiex isir *water culvert* fi Triq il-Kuncizzjoni. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li sar jaf dan fuq *facebook* u mhux fuq dak tal-Kunsill izda fuq *facebook* personali tas-Sindku. Huwa semma li mhux qed jghid li ma jaqbilx izda l-membri tal-Kunsill m'ghandhomx isiru jafu minghand in-nies jew minn fuq *facebook*. Is-Sindku semma li dan gie diskuss fil-laqgha. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li waqt laqgha tal-Kunsill il-*water culvert* gie diskuss kemm il-darba u anke fiz-zmien is-Sindku precedenti izda li l-Kunsill nghata l-fondi u li ser jinghata bidu ghax-xoghol qatt ma gie diskuss. Huwa staqsa lis-Segretarja x'gie diskuss fil-laqgha tal-Kunsill. Hija semmiet li kien gie diskuss li ghandu jsir *resurfacing* ta' toroq li kienu jinkludi parti minn Triq il-Kuncizzjoni, Triq iz-Zewwieqa u Triq il-Papa Piju XII. Is-Sindku semma li dan l-ammont nghata fuq stima li giet ppreparata mill-Perit. Huwa semma wkoll li l-prezzjiet tat-tarmak ser jghollew u ghalhekk ser ikun hemm differenza mill-istima. Il-Kunsill iddecida li l-ewwel ghandha tinhareg l-offerta ghal dan ix-xoghol imbaghad wiehed jara minn hemm. Gie trattat il-ftehim li sar bejn il-Kunsill Lokali u l-Ministeru ghal Ghawdex.

**43.6 Il-progett *EUrope is a State of Mind – Europe for Citizens Programme*.**

43.6.1 Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li giet kkuntatjatha l-agenzija Taljana ACE 20 dwar is-suggeriment tal-Kunsill sabiex il-fondi allokati lilhom jigu mghoddija dirett lilhom. Din l-agenzija nformat lill-Kunsill illi dan ma jistax jsir. Is-Sindku talab lill-Kunsill dwar jekk jaqbilx ma din l-agenzija. Il-Kunsill wiegeb li jaqbel mal-progett. Is-Segretarja semmiet li hija flimkien mas-Sindku kellhom laqgha ma Robert Tabone mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn huwa ssuggerixxa li l-Kunsill ghandu ihallas lil din l-agenzija tal-preparamenti tal-applikazzjoni tal-progett filwaqt li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ghal *management* ta' dan il-progett. Hija semmiet li giet mibghuta ittra mill-Kunsill lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn kien gie mitluba jekk il-Kunsill jistax jqabbad lil din l-agenzija minghajr ma joqghod johrog sejha ghall-offerti. Il-Kunsill ircieva risposta minghand id-Dipartiment li ghal kull akkwist li jeccedi l-€10,000 eskluz il-VAT ghandha tinhareg sejha ghall-offerti. Il-Kunsill ghalhekk iddecida li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ghal dan is-servizz. Giet trattata wkoll ittra minghand Robert Tabone datata 14 ta' Marzu 2019 fejn talab xi informazzjoni fuq dan il-progett.

**43.7 Il-kwotazzjonijiet ghas-servizzi ta' *Administrator* u *Coordinator* u ghal *Consultant* u *Project Manager* ghal progett *EUrope is a State of Mind*.**

43.7.1 Nhar il-11 ta' Marzu 2019 saret laqgha tal-bord tal-evalwazzjoni dwar l-ghazla ta' kwotazzjonijiet ghas-servizzi ta' *Administrator and Coordinator* u *Consultant* u *Project Manager* ghal progett *EUrope is a State of Mind.* Il-bord tal-evaluazzjoni ddiskuta li l-kwotazzjonijiet sottomessi huma kollha *over budget* u ghalhekk ma giet maghzula ebda kwotazzjoni miz-zewg sejhiet rispettivament. Il-Kunsill studja r-rapporti tal-evalwazzjoni u unamimament qabel ma dawn l-istess rapporti. Il-Kunsill iddecida li ghanda terga jsir sejha ohra ghal dawn il-kwotazzjonijiet.

43.8 L-offerti ghal *safety flooring* u ghal *playground equipment* ghal *playing field* 'Magistrat Salvu Attard'.

43.8.1 Nhar it-13 ta' Frar 2019 saret laqgha tal-bord tal-evalwazzjoni dwar l-ghazla tal-offerta ghal *safety flooring* u ghal *playground equipment* ghal *playing field* 'Magistrat Salvu Attard'. Il-bord tal-evalwazzjoni ddiskuta li dwar is-*safety flooring* il-Kunsill ghandu jaccetta l-uniku offerta li giet sottomessi izda dwar l-offerta ghal *playground equipment*, l-unika offerta li giet sottomessa ma kinitx *compliant* u ghalhekk iddecida li din l-offerta ghandha taqa`. Il-Kunsill studja dawn ir-rapporti u unanimament qabel ma dawn ir-rapporti. Il-Kunsill iddecida li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ohra ghal *playground equipment*.

43.9 Approvazzjoni tal-*Annual Budget* (L-estimi tad-dhul u l-infiq) ghas-sena finanzjarja 2019.

43.9.1 Tqassmu lis-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri kopja tad-*draft* tal-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u tal-infiq) ghas-sena finanzjarja 2019. Is-Segretarja tat spejgazzjoni tieghu. Wara dan il-Kunsill unanimament approva l-*Annual Budget* (l-estimi) ghas-sena finanzjarja 2019.

43.10 Approvazzjoni tal-*Business Plan* 2019-2021.

43.10.1 Tqassmu lis-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri *draft* tal-*Business Plan* 2019-2021 (lista tax-xogholijiet u progetti li behsiebu jaghmel il-Kunsill). Is-Segretarja tat spejgazzjoni ta' din il-lista. Wara dan, il-Kunsill unanimament approva din il-lista.

43.11 Fondi mill-Wifi4EU.

43.11.1 Is-Sindku Paul Buttigieg semma li huwa gie informat li l-Kunsilli ser jinghata €15,000 ghal Wifi4EU u sabiex jaghmel intervista flok is-Sindku tal-Kunsill Lokali Nadur peress li dan tal-ahhar kellu mpenniji ohra dakinhar tal-intervista. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li din l-istess bhal materja tal-*water culvert*, il-membri kollha tal-Kunsill saru jafu b'dan minn fuq il-*facebook.* Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa dwar jekk bhala Kunsill gejniex informati. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li l-Kunsill ma giex informat b'dan u li dawn l-ahhar gimgha l-unika korrispondenza fuq dan kien li minn qed jiehu hsieb dan il-progett talab lill-Kunsill sabiex jibghat aktar informazzjoni u li l-Kunsill qieghed fir-*reserved list*.

43.12 Tindif tal-genb ta' parti minn Triq ta' Kassja.

43.12.1 Is-Sindku semma li jrid isir tindif tal-genb ta' parti minn Triq ta' Kassja fejn sar ix-xoghol ta' *resurfacing*. Giet trattata stima ta' dan ix-xoghol li tammonta ghal madwar €2,000 li giet mibghuta mill-Kuntrattur kif ukoll giet ccertifikatha mill-Perit. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir dan ix-xoghol.

43.13 Xogholijiet ta' manutenzjoni fi 'Gnien il-Familja' u bdil ta' bozoz tal-fanali ghal LED's.

43.13.1 Is-Sindku semma li qed isiru x-xogholijiet ta' manutenzjoni fi 'Gnien il-Familja' mill-haddiema li huma assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-*bridge* mhuwiex kuluru blu izda kannella; naturali. Is-Sindku semma li huwama jaqbilx ma dan u ghamlu dan il-kulur

peress li t-tifla tieghu tifhem f'dawn l-affarijiet. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-Kunsill ried jiddiskuti u jiddecidi fuq kulur u mhux persuni ohra u ghalhekk issuggerixxa li ghandha tittiehed votazzjoni fuq il-kulur li ghandu jkun il-*bridge*. Saret votazzjoni fejn erba` membri vvotaw li l-kulur ghandu jkun kannella/naturali filwaqt li s-Sindku vvota li l-kulur ghandu jibqa` blu. Is-Sindku semma li l-*gazebo's* ghandhom hafna hsara u li x'aktarx ghall-qluh izda qed jistenna risposta. Huwa semma li s-*seasaw* kif ukoll wahda mill-bandli trangaw. Huwa ssuggerixxa li l-hajt ta' wara l-*arena* ghandu jinbena peress li qed ta' periklu. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsill iddiskuta li jista` jsir hajt tal-kantun jew *railing*. Is-Sindku semma li l-bozoz tal-fanali kollha ghandhom jinbidlu u jsiru kollha *LED's*. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 43.14 *Data Protection Officer.*

43.14.1 Giet trattata Komunikat DG/K/02/2019 mid-Direttur Generali (Gvern Lokali) Natalino Attard dwar *Data Protection Officer* fil-Kunsilli Lokali. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li bhalissa gie pproponut is-Sur Ian Magro mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sakemm jiddecidi. Il-Kunsill iddecida li din il-materja ghandha tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss. Il-Kunsill ircieva *acknowledgment* minghand Redianne Tonna mill-*Office of the Information and Data Protection Commissioner*.

## 43.15 L-attivita` *Gozo Alive.*

43.15.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill ser jiehu sehem fl-attivita` *Gozo Alive*. Huwa semma li huwa kkuntatja lill-Vincent Buttigieg f'isem l-ghaqdiet tal-Qala sabiex jiehu hsieb l-organizzazzjoni ta' din l-attivita`.

## 43.16 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti.

43.16.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-pagamenti bir-referenzi numri SP 1/2019 u SP 2/2019. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

## 43.17 Mozzjonijiet.

43.17.1 Ma kien hemm ebda mozzjonijiet.

## 43.18 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

43.18.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 18 t'April 2019.

Konfermati, illum l-Erbgha 19 ta' Gunju 2019

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |